13 ta' Marzu, 1953.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Farmaċista Giuseppe Debono *versus* Giovanna Debono

**Verbal — Dikjarazzjoni Magħmula mill-Avukat jew Prokuratur Legali — Kważi-Kuntratt Ġudizzjali — Mandat — Appell Vessatorju — Spejjeż Doppji — Art. 1964 tal-Kodiċi Ċivili, u Art. 695 (1) u 221 para. 4 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Kull dikjarazzjoni jew allegazzjoni, magħmula bil-fomm jew bil-miktub minn avukat jew prokuratur legali fil-kawża, tista' titreġġa' lura bil-mezz ta' nota f'kull waqt tal-kawża, ukoll fi grad ta' appell, qabel is-sentenza; basta li ma jiġix pruvat illi l-avukat jew prokuratur legali għamel dik id-dikjarazzjoni jew allegazzjoni b'inkariku speċjali tal-parti.*

*L-avukat huwa l-mandatarju tal-klijenti tiegħu b'mandat speċjali għall-finijiet tal-kawża, u d-dispożizzjoni fuq imfissra, li tassoġġetta l-irretrattabilità tad-dikjarazzjoni jew allegazzjoni ta' l-avukat għall-inkariku speċjali tal-klijent, hija ntiża biex dak il-mandat jiġi eżerċitat fil-limiti tal-poteri konferiti lill-mandatarju, u biex ma jiġix eċċedut mingħajr inkariku speċjali tal-klijent.*

*Għaldaqstant, jekk jirriżulta li l-allegazzjoni jew dikjarazzjoni magħmula mill-avukat saret bil-kunsens tal-klijent, dik l-allegazzjoni ma tistax tiġi revokata. U dan apparti illi r-revoka tad-dikjarazzjoni jew allegazzjoni in bażi għal dan il-motiv għandha tiġi ammessa b'ċirkospezzjoni kbira, minħabba d-dannu li ġeneralment jirriżulta minnha lill-parti l-oħra, li għandha d-dritt tibbenefika mill-allegazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet ta' l-avversarju.*

*Għax huwa magħruf li l-verbal miżmum mir-Reġistratur bl-ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-saħħa tal-kważi-kuntratt ġudizzjali.*

*Il-mandat ma hemmx bżonn li jirriżulta minn att publiku jew skrittura privata, anki jekk ikollu bħala oġġett l-akkwist ta' immobili.*

*Għaldaqstant, jekk l-avukat jagħmel dikjarazzjoni bil-kunsens tar-raġel ta' mara li tkun parti fil-kawża u li jkun il-mandatarju tagħha, ma tistax tiġi sostnuta d-domanda għar-revokazzjoni tad-dikjarazzjoni hekk magħmula u ta' dak il-verbal, fuq il-motiv li r-raġel ma*

*kienx awtorizzat bil-miktub minn martu biex jagħmel dak il-verbal, avvolja dak il-verbal jirriferixxi għal immobili jew drittijiet immobiljari.*

*L-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-liġi li tippermetti l-kundanna għal spejjeż doppji fil-każ ta' appell vessatorju, hija fakoltativa għall-Qorti; u għandha tiġi użata b'ċerta diskrezzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li ppremetta li huwa l-proprjetarju ta' l-appartamenti numri 72 u 71 Strada Santa Margherita, kantuniera ma' Bull Street, Kospikwa, li huma in parti sovrapposti għal terran 51, 52 u 53, Bull Street, ta' proprjetà tal-konvenuta, kif jirriżulta mir-relazzjoni u pjanti A.B.C.D.E., annessi ma' l-istess att taċ-ċitazzjoni u mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Salvatore Cauchi tad-29 ta' Settembru 1930 (dok. F), u sija l-fond ta' l-attur kemm dak tal-konvenuta jinsabu mġarrfin bil-gwerra; u illi l-Gvern Ċivili offra lill-attur u lill-konvenuta l-biċċa parapett publiku li qiegħed quddiem it-terran tal-konvenuta sabiex fil-pjan terren jiżdied mat-terran tal-konvenuta u l-arja mal-proprjetà ta' l-attur; u illi, wara ħafna korrispondenza, il-konvenuta rrifjutat, biex tagħmel dispett lill-attur, illi takkwista l-imsemmi parapett publiku (ittra tal-Public Works dok. F2 tas-27 ta' Novembru 1950); u illi fil-11 ta' Novembru 1950 il-Ministru tax-Xogħlijiet u Rikostruzzjoni interpella lill-konvenuta Giovanna Debono sabiex tibni t-terran tagħha (dok. G), imma dina l-interpellazzjoni ma kellhiex segwitu, u l-konvenuta wriet ċar illi ma tridx tibni t-terran biex tippreġudika lill-attur u ġġiegħlu jagħtiha vantaġġi eżorbitanti fuq il-proprjetà tiegħu; u illi l-attur ma għandux jiġi miżmum illi jibni l-parti tal-proprjetà tiegħu sovrapposta għal dik tal-konvenuta; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, talab (1) li jiġi prefiss lill-konvenuta terminu perentorju sabiex tibni t-terran tagħha fuq il-konfini oriġinarji, jew le, fil-każ li tippreferixxi, skond il-pjan regolatur il-ġdid, illi tokkupa l-ispazju antestanti tal-parapett publiku, b'manjera illi l-attur ikun jista' jibni l-parti tal-proprjetà tiegħu sovrapposta, u (2) fil-każ illi jgħaddi dan it-terminu inutilment, l-attur jiġi awtorizzat illi jagħmel fuq is-sit ta' proprjetà tal-konvenuta, u a spejjeż tagħha, dak il-bini li tidde-

termina dina l-Qorti u li jkun neċessarju sabiex l-attur ikun jista'' jibni l-parti tal-proprjetà tiegħu fuq imsemmija, 72 u 71 Strada Santa Margherita, Cospicua. Salva kwalunkwe azzjoni għad-danni kontra l-kovenuta, li huwa jirriżerva espressament kontra tagħha; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-15 ta' Diċembru 1951, li biha ġie deċiż għat-tenur tat-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż, u kwindi ġie prefiss lill-konvenuta tliet xhur żmien mill-jum tas-sentenza sabex tibni u tlesti t-terran tagħha fuq imsemmi fuq il-konfini oriġnarji, u fil-każ li dak iż-żmien jgħaddi inutilment, l-attur ġie awtorizzat jagħmel fuq l-imsemmi sit tal-konvenuta, a spejjeż tagħha, taħt id-direzzjoni ta' l-A.I.C. Professur Victor R. Galea, dak il-bini li jkun neċessarju skond il-pjanta antika, sabiex huwa jkun jista'' jibni l-parti tal-proprjetà tiegħu indikata fl-att taċ-ċitazzjoni; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Illi l-konvenuta ddikjarat ruħha lesta, tant fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha kemm ukoll waqt it-trattazzjoni tal-kawża, biex tibni t-terran tagħha fuq il-konfini antiki; u dan tista' tagħmlu, kif jirriżulta mix-xhieda tad-Direttur tax-*Xogħlijiet Publiċi u ta' Joseph Mamo Dingli, Segretarju tal-*Ministru tax-Xogħlijiet u Rikostruzzjoni (fol. 38 u 38 tergo);

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta, u rat il-petizzjoni tagħha fejn talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu respinti d-domandi ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi l-appellanti, fin-nota tagħha ta' l-eċċezzjoni (fol. 22) bdiet biex tgħid "li t-talbiet ta' l-attur huma barra minn lokhom, għaliex hija kienet dejjem pronta biex tibni, kif talab l-attur, fuq il-konfini oriġinali". Fil-kors tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti l-istess appellanti, b'verbal tal-10 ta' Novembru 1951 (fol. 35), per mezz tad-difensur tagħha, id-dikjarat "illi malli jkollha l-permess hija tibni fuq il-linja

originali''; u b'verbal iehor tas-6 ta' Diċembru 1951 (fol. 73), per mezz ta' l-avukat tagħha, irripetiet ''li hija lesta biex tibni fuq il-linja antika''. In bażi għall-imsemmijin dikjarazzjonijiet ripetuti ta' l-appellanti, l-Ewwel Qorti ppronunzjat is-sentenza tagħha għat-tenur tat-talbiet ta' l-attur, billi ordnat lill-konvenuta biex, fi żmien tliet xhur, tibni....., Fil-petizzjoni ta' l-appell u fit-trattazzjoni tal-kawża f'din l-istanza l-appellanti ddikjarat li rtirat id-dikjarazzjonijiet kollha fuq imsemmija, magħmula mid-difensur tagħha, fissens li hi lesta biex tibni, u nsistiet biex il-meritu jiġi trattat u deċiż mingħajr dawk id-dikjarazzjonijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-artikolu 695 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi li kull dikjarazzjoni jew allegazzjoni magħmula, bil-fomm jew bil-miktub, minn avukati jew prokuraturi legali, tista' titreġġa lura bil-mezz ta' nota, f'kull waqt tal-kawża, ukoll fi grad ta' appell, qabel is-sentenza, basta li ma jiġix pruvat illi l-avukat jew il-prokuratur legali kien għamel id-dikjarazzjoni jew allegazzjoni b'inkariku speċjali tal-parti. Fuq l-imsemmi inċident ir-raġel ta' l-appellanti, fuq talba tagħha, ta x-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti fis-seduta tad-19 ta' Mejju 1952 (fol. 95). Huwa qal li fit-trattazzjoni tal-kawża martu qatt ma kienet preżenti, iżda dejjem deher hu. Qal li, meta sar il-verbal tal-10 ta' Novembru 1951 (fol. 35), huwa kien preżenti, u sar bil-kunsens tiegħu. Kompla jgħid li dak in-nhar stess, malli mar id-dar, informa lil martu b'dak il-verbal li kien sar u hija ma approvatux, u qaltlu li ridet tirranġa d-dar; iżda b'din l-oġġezzjoni lill-avukat tiegħu ma qallux għax kien imsiefer, u lil Dottor Giuseppe Pace inkarikah dak inhar li ġiet mogħtija s-sentenza, imma lanqas lilu ma qal b'dik l-oppożizzjoni. Ix-xhud qal testwalment:— ''Il-mara ma kienetx qaltli biex inħassar id-dikjarazzjoni li saret bil-verbal tal-10 ta' Novembru 1951''. Sakemm inqatgħet il-kawża kien jidher f'lok martu, billi din ħalliet f'idejh x'kellu jsir fil-kawża. Ix-xhud qal ukoll li sar jaf li d-difensur tiegħu kien imsiefer dak inhar li ġiet mogħtija s-sentenza, jiġifieri fil-15 ta' Diċembru 1951;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-imsemmija xhieda tar-raġel ta' l-appellanti, l-unika prodotta in sostenn għar-revokazzjoni tad-dikjarazzjonijiet in kwistjoni, jirriżultaw dawn il-fatti:— (1) Li l-appellanti rrimettiet ruħha għal dak li jagħmel żewġha fil-kawża; (b) li l-imsemmija dikjarazzjoni, kontenuta fil-verbal ta' l-10 ta' Novembru 1951 (fol. 35), u ripetuta fil-verbal tas-6 ta' Diċembru 1951 (fol. 73), saret fil-preżenza u bil-kunsens tar-raġel ta' l-appellanti; (c) li l-appellanti, għalkemm kienet taf mill-10 ta' Novembru 1951 b'dik id-dikjarazzjoni, ma qaletx lil żewġha biex iħassarha, u dan huwa korroborat mill-fatt l-ieħor tar-ripetizzjoni ta' l-istess dikjarazzjoni fil-verbal l-ieħor tas-6 ta' Diċembru 1951; u (d) li l-istess appellanti lanqas deħret biex bil-ġurament tikkonferma l-pretensjoni tagħha li hija ma inkarikatx lill-avukat tagħha biex jagħmel l-imsemmija dikjarazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-avukat huwa l-mandatarju tal-klijenti tiegħu b'mandat speċjali għall-finijiet tal-kawża, fis-sens ta' l-art. 1964 tal-Kodiċi Ċivili (Kollez. Vol. VI, paġ. 161, 486; Vol. X, paġ. 301; Vol. XXIX—II—328; u Appell "Briffa vs. Gatt", 15 ta' Jannar 1906); u l-imsemmija dispożizzjoni ta' l-art. 695 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili hija intiża biex dak il-mandat jiġi eżerċitat fil-limiti tal-poteri konferiti lill-mandatarju, u biex ma jiġix eċċedut mingħajr inkariku speċjali tal-klijent. Fil-każ in eżami, mhux biss ma jirriżultax dana l-eċċess, iżda jidher li dak li għamel l-avukat ta' l-appellanti għamlu fil-preżenza u bil-kunsens ta' żewġha, li kien il-mandatarju bi pjeni poteri tagħha għall-finijiet ta' dina l-kawża; u hija, għalkemm kienet taf mill-ewwel b'dak li sar, irratifikat dak li għamel żewġha, billi qagħdet għalih u qatt ma inkarikatu jew qaltlu biex iħassru. Billi, għalhekk, il-Qorti hija sodisfatta li d-dikjarazzjonijiet in kwistjoni saru b'inkariku tar-raġel ta' l-appellanti, li għall-finijiet ta' din il-kawża kien il-mandatarju tagħha bi pjeni poteri, u l-aġir tiegħu ġie ratifikat minn martu, mhux il-każ ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni ta' l-art. 695 (1) fuq imsemmi għar-rigward tad-dikjarazzjonijiet fuq indikati. Huwa l-każ li jiġi rilevat li r-revoka ta' l-allegazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet in bażi għal din l-aħħar dispożizzjoni tal-liġi għandha tiġi ammessa

b'ċirkospezzjoni kbira, għaliex minn dik ir-revoka ġeneralment jirriżulta dannu lill-parti l-oħra, li għandha d-dritt tibbenefika mill-allegazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet ta' l-avversarju. Infatti huwa magħruf li "in judiciis quasi contrahitur", u li għalhekk il-verbal miżmum mir-Reġistratur b'ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-saħħa tal-kważi-kuntratt ġudizzjali (Appell 2 ta' Ottubru 1925 in re "Cini vs. Portelli"; 9 ta' Novembru 1936 in re "Ebejer vs. Degabriele");

Ikkunsidrat;

Illi d-difensur ta' l-appellanti sostna wkoll li, biex ir-raġel ta' l-istess appellanti seta' jagħmel għan-nom ta' martu d-dikjarazzjonijiet fuq imsemmija, kellu bżonn ikun awtorizzat b'att publiku, għaliex kienu jirriferixxu għal immobili jew drittijiet immobiljari, u ma kienx biżżejjed il-mandat ġenerali lilu konferit bil-fomm għall-finijiet ta' din il-kawża. Iżda anki din il-pretensjoni ta' l-appellanti hija bla bażi, billi, kif sostniet din il-Qorti fis-sentenza ta' l-24 ta' April 1931, in re "Galea vs. Gauci", lanqas il-mandat għall-akkwist ta' immobili ma hu neċessarju li jiġi mogħti b'att publiku jew bi skrittura privata;

Ikkunsidrat;

Illi in bażi għal dak li ntqal fuq, id-dikjarazzjonijiet fuq imsemmijin ta' l-appellanti mhumiex revokabili, u s-sentenza appellata, bażata fuq l-istess dikjarazzjonijiet, mhix ċensurabili;

Kwantu għat-talba ta' l-attur appellat, biex tiġi applikata kontra l-konvenuta appellanti d-dispożizzjoni kontenuta fir-raba' paragrafu ta' l-art. 221 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, hemm lok li jiġi rilevat li l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni hija għall-Qorti fakoltativa, u għalhekk għandha tiġi wżata b'ċerta diskrezzjoni. Fil-każ in eżami l-fehma tal-Qorti hija li għandha tastjeni milli tuża dik il-fakoltà; u konsegwentement l-imsemmija talba ta' l-attur appellat ma għandhiex tiġi milqugħa, u għandha tiġi respinta, kif fil-fatt qiegħda tiġi respinta, bl-ispejjeż relativi kontra l-istess attur appellat;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati.

Tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dana li t-terminu ta' tliet xhur biha prefiss ghandu jibda jghaddi mil-lum;

L-ispejjeż, barra dawk fuq deċiżi, jithallsu mill-konvenuta appellanti.